**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 20 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **925/93TM**

Numru**:**

**Hector Naudi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Carmelo Caruana Shipping Agency Limited u din bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera Losinjska Plovidba**

vs

**Chiara Peresso ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Packseal Systems Ltd fl-interess taghha kif ukoll bhala agent tas-socjeta' estera Al Reif Overseas Traders**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni presentata fl-1 ta' Lulju, 1993 li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi fuq inkarigu tal-konvenuti pro et noe l-attur nomine garr "*container*" ddikjarat li fih tletin kaxxa "*Local Fireworks*" u f'dan ir-rigward inharget polza tal-karigu numru 2 mahruga Malta fis-27 ta' Awissu, 1992 (Dok "A");

Ippremettiet illi skond il-kuntratt tal-gar il-konvenuti pro et noe kienu obbligati li jirrangaw biex ir-ricevituri jkunu lesti fuq il-moll sabiex jaccettaw il-merkanzija immedjatament, u fin-nuqqas il-konvenuti pro et noe kienu tenuti li jhallsu lill-attur noe "*demurrages*" likwidati fl-ammont ta' tmint elef dollaru (USD 8,000) ghal kull jum ta' dewmien (Dok "B");

Ippremettiet illi l-vapur "Iva" li gar il-merkanzija in kwistjoni telaq minn Malta fis-27 ta' Awissu, 1992 u wasal Tripoli, Libja fit-28 ta' Awissu, 1992;

Ippremettiet illi r-ricevituri tal-merkanzija ma kienux lesti biex jercievu l-merkanzija fid-29 ta' Awissu, 1992 u filghodu tat-30 ta' Awissu, 1992;

Ippremettiet illi r-ricevituri tal-merkanzija kienu lesti biss fis-1.00pm circa fit-30 ta' Awissu, 1993 u dak il-hin sar il-hatt tal-merkanzija (Dok "C");

Ippremettiet illi ghalhekk il-konvenuti pro et noe naqqsu mill-obbligu taghhom skond il-kuntratt tal-garr li jirrangaw ghall-hatt immedjat tal-merkanzija;

Ippremettiet illi ghalhekk skond l-istess kuntratt ta' garr l-konvenuti pro et noe huma responsabbli lejn l-attur noe fis-somma ta' tmint elef dollaru (USD 8,000) ghall-gurnata shiha ta' dewmien li sehhet fid-29 ta' Awissu, 1992;

Ippremettiet illi ghalkemm interpellati kemm bonarjament kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali l-konvenuti pero et noe baqghu inadempjenti;

Talbu ghlahekk biex ighidu il-konvenuti pro et noe ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex;

1) Tiddikjara li l-konvenuti pro et noe kissru il-kuntratt ta' garr tal-merkanzija in kwistjoni ghaliex ma zgurawx il-hatt ta' l-istess immedjatament kif wasal fid-destinazzjoni tieghu; u

2) Tiddikjara li konsegwentement l-konvenuti pro et noe huma responsabbli lejn l-attur noe fis-somma ta' tmint t'elef dollaru (USD 8,000) bhala "*demurrages*" ghal kull jum ta' dewmien minnhom kkagunat;

3) Tiddikjara li d-dewmien kkagunat mill-konvenuti pro et noe kien ta' gurnata wahda u li ghalhekk l-konvenuti pro et noe huma responsabbli lejn l-attur noe fis-somma ta' tmint elef dollaru (USD 8,000);

4) Tikkundanna ghalhekk lill-konvenuti pro et noe jhallsu lill-attur noe somma ekwivalenti f'liri Maltin fid-data tas-sentenza ghas-somma ta' tmint elef dollaru (USD 8,000);

Bl-interesi legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali data 25 ta' Frar, 1993 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1456/93 datat 16 ta' April, 1993.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta nomine li eccepixxa:

1. Ili fl-ewwel lok ghandu jigi rievat illi hija accettat il-kurazija tas-socjetajiet konvenuti u dan permezz ta' nota presentata fis-27 ta' April, 1993 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1456/93 u ghaldaqstant ghandhom isiru il-korrezzjonijiet mehtiega sabiex hija tigi indikata bhala kuratur tal-konvenuti.

2. Illi minghajr pregudizzju gha-suespost, ghandha ssir prova dwar il-mandat li s-socjeta' estera Losinjska Plovidba tat lil Carmelo Caruana Shipping Agency Limited.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu it-talbiet attrici huma diretti kontra s-socjeta' Packseal Systems Ltd, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante li:-

(i) ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn Packseal Systems Limited u s-socjeta' attrici peress illi l-polza ta' kariku giet

assenjata u girata favur ir-ricevituri mal-konsenja tal-merkanzija;

(ii) subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz li din il-Qorti tirritjeni li tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, ebda ammont ta' "*demurrage"* huwa dovut skond l-istess polza ghal dewmien ta' gurnata;

(iii) subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-ftehim dwar id-"*demurrage"* kif kontenut fil-polza ta' kariku, liema polza hija "*printed standard form*" hija nulla u minghajr effett billi huwa evidenti illi l-intenzjoni ta-socjeta' attrici kienet li timponi danni punittivi bl-ebda mod relatati mal-fatti tal-kaz u mal-valur tal-merkanzija u ghalhekk il-kuntratt jmur kontra l-ordni pubbliku.

(iv) illi f'kaz li din il-Qorti jidhrilha finalment li l-polza ta' karigu hija valida, l-attur ghandu jipprova t-telf tieghu kawza tal-allegat dewmien fl-irtirar tal-merkanzija in kwistjoni.

4. Illi in kwantu it-talbiet attrici huma diretti kontra s-socjeta' estera "Al Reif Overseas Traders",

(i) in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante li pretensjonijiet attrici ma jinkwadrax ruhhom f'ebda sub-inciz ta' l-artiklu 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, illi din is-socjeta' mhijiex responsabbli ghal ebda hlas ta' *"demurrage"* u dan *ai termini* tal-kondizzjonijiet espressi tal-polza ta' kariku.

(iii) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess, il-ftehim dwar id-"*demurrage"* kif kontenut fil-polza ta' kariku, liema polza hija "*printed standard form*" hija nulla u minghajr efett billi huwa evidenti illi l-intenzjoni tas-socjeta' attrici kienet li timponi danni punittivi bl-ebda mod relatati mal-fatti tal-kaz u mal-valur tal-merkanzija u ghalhekk il-kuntratt jmur kontra l-ordni pubbliku.

(iv) Illi f'kaz li din il-Qorti jidhrilha finalment li l-polza ta' karigu hija valida, l-attur ghandu jipprova t-telf tieghu kawza ta' l-allegat dewmien fl-irtirar tal-merkanzija in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Ottubru, 1998, li in forza taghha s-socjeta' estera Al Reif Overseas Traders giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difsenuri ta-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi, f'din il-kawza, is-socjeta' attrici kienet giet inkarigata mis-socjeta' konvenuta, Packseal Systems Ltd., biex iggor konsenja ta' *"fireworks*" lejn il-Libja. Biex tkun cert li tehles mill-merkanzija mal-wasla tal-vapur fil-port, is-socjeta' attrici infurmat lid-ditta konvenuta li din kellha tiehu hsieb u tirranga biex il-merkanzija titlaq immedjatament, altrimenti tehel danni (*demurrage*) ta' US$8000 ghal kull gurnata li l-merkanzija tibqa' abbord wara l-wasla tal-vapur fil-port. Irrizulta li l-vapur wasal il-Libja fit-28 ta' Awissu, 1993 fis-2.00p.m. (ara Dok C a fol 7), u l-mekanzija ittiehdet fit-30 ta' Awissu, fis-1.00p.m. Dan ifisser li l-merkanzija baqghet abbord jumejn wara l-wasla tal-vapur fil-port.

Is-socjeta' konvenuta eccepiet:

(i) li hi ggirat l-polza ta' kariku favur ir-recevituri mal-wasla tal-vapur fil-Libja u, kwindi, ma baqghetx responsabbli ghal xi dewmien;

(ii) li skond il-polza ta' karigu mhux dovut "*demurrage"* ghal dewmien ta' gurnata;

(iii) li l-ammont ta' "*demurrage"* hu wiehed eccessiv u ghandha n-natura ta' danni punittivi, u

(iv) id-ditta attrici trid tipprova t-telf li sofriet rizultat tad-dewmien.

Is-socjeta' konvenuta ma tidhirx li qed tikkontesta l-kondizzjonijiet li gew imposti fuqha bl-ittra tas-26 ta' Awissu, 1992. Hu veru li x-xhud Joseph Camilleri Bowman "gerger" li dik l-ittra ircevewha lejliet li l-merkanzija kellha titlaq minn Malta, izda ma jidhirx li ma gietx accettata jew li gie registrat xi protest. Wara dik l-ittra, il-merkanzija giet xorta wahda konsenjata lid-ditta attrici, li hadet konsenja abbord il-vapur ghall-vjagg lejn il-Libja. Id-ditta attrici kienet se tiehu responsabbilta' ta' dak li ddeskriviet bhala "*dangerous cargo*" u kien ghalhekk, li imponiet kundizzjonijiet specjali (ta' *freight* u demuragg) li, skond id-Direttur tas-socjeta' attrici, Hector Naudi, gew accettati f'laqgha li kellu ma' rapprezentanti tad-ditta konvenuta u tad-ditta estera. Kif ikkonferma Joseph Camilleri Bowman, din il-kundizzjoni ta' "*immediate delivery*" kienet giet imposta fuqhom f'konsenja precedenti ta' l-istess merkanzija, u fil-fatt irrefera ghall-ittra li kien irrcieva datata 13 ta' Awissu, 1992, li titkellem fuq l-ewwel hdax-il *container* u li wkoll tinsisti li r-ricevituri jridu jkunu pronti " *to accept cargo immediately*" .

Id-ditta konvenuta issostni, pero', li mal-wasla tal-vapur il-Libja, il-polza ta' karigu giet girata fuq ir-ricevitur u, allura, kull responsabbilta' ghad-dewmien ghandu jerfaghha r-ricevitur u mhux hi. Prova, pero', li l-polza giet fil-fatt girata ma saretx. Veru li r-rappresentant tas-socjeta' attrici kkonferma li "normalment hekk isir", pero' prova li fil-fatt hekk sar ma ngabetx.

Apparti dan, il-Qorti ma taccettax li debitur jista' jehles mill-obbligazzjoni tieghu billi jghaddieha fuq haddiehor, *ancorche'* dik l-

obbligazzjoni partikolari tista' tirrizulta minn polza ta' karigu li, ghandha funzjonijiet partikolari. Fuq kollox, f'dan il-kaz, din l-obbligazzjoni partikolari ma tirrizultax mill-polza ta' karigu, izda minn ftehim li sehh direttament bejn il-partijiet f'din il-kawza. Fi kliem iehor, dak li seta' gie girat kienet il-polza ta' karigu, izda indipendentament minn din, il-partijiet kienu ftehmu fuq *freight* u *demurrage* partikolari u dawn il-kundizzjonijiet la setghu u lanqas gew girati. Ma hemm xejn irregolari li l-partijiet jiftehmu kundizzjonijiet differenti minn dawk li soltu jinstabu f'polza ta' karigu.

L-awturi "Chorley & Giles, fil-ktieb "*Shipping Law*" (*8th. Edition* – Pitman) ghandhom dan xi jghidu fuq in-natura tal-polza ta' karigu (pag. 249): *"It should be noticed that the bill of lading is only evidence of the contract between shipowner and shipper, not the contract itself. Additional terms may be incorporated from the charterparty, from advertisements and similar notices, or even from oral evidence that they were agreed. Moreover, terms actually contained in the bill of lading may be varied orally, and such variations are enforceable. All this, however, applies only between the immeditate parties to the contract, carrier an shipper. Third parties, such as consegnies or their assignees, who acquire rights byw ay of endorsement of the bills of lading, are entitled and required to assume that it contains within its four corners either all the terms of the contract or at any rate references to other documents where such terms may be found".*

Hu veru li, f'dan il-kaz, il-polza ta' karigu harget wara li sar qbil fuq il-kundizzjonijiet partikolari tal-*freight* u *demurrage,* pero' fic-cirkostanzi, m'ghandux jirrizuta li l-polza ta' karigu ghandha tipprevali

fuq dak li kien gie miftiehem qabel. Il-partijiet kienu jafu li kellha tohrog polza ta' karigu bil-kundizzjonijiet tas-soltu, izda qabel ma dik harget, id-ditta attrici riedet certi kundizzjonijiet specjali, u kien a bazi ta' dawk il-kundizzjonijiet li accettat il-merkanzija abbord u harget Il-polza ta' karigu. Dawk il-kondizzjonijiet specjali baqghu jorbtu lis-socjeta' konvenuta, inatttes kull gira tal-polza ta' karigu. Ghall-istess raguni mhux applikabbli ghall-kaz il-kundizzjoni numru 14 fil-polza ta' karigu li tezonera lir-ricevitur mill-hlas ta' *demmurage* ghall-ewwel erbgha u ghoxrin siegha jekk id-dewmien ma jkunx tort tar-ricevitur. Meta saret il-kundizzjoni specjali fl-ittra tas-26 ta' Awissu, 1992, id-*demurrage* gie miftiehem ghal kull gurnata li r-ricevitur idum biex jiehu konsenja tal-merkanzija *"upon vessel's arrival*", u ma saret ebda eccezzjoni ghall-ewwel gurnata.

Barra minn dan ma irrizultax li d-dewmien kien rizultat ta' xi avveniment mhux tort tar-ricevitur. Jekk is-socjeta' konvenuta trid tinvoka klawsola ta' ezoneru, hi trid tipprova li kienu jezistu c-cirkustanzi ghall-applikazzjoni ta' dik il-klawsola. Il-prova tal-forza maggura trid issir dejjem min minn jinvokha (ara "<u>Sare' vs Ellul et"</u> decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Gunju, 1953), u, f'dan il-kaz, lanqas tentattiv ma sar.

Jigi rilevat ukoll illi, mill-atti, jirrizulta l d-dewmien kien ta' kwazi 48 siegha. Is-socjeta' attrici, pero', qed titlob *demurrage* ta' gurnata wahda biss,u, kwindi, l-ilment tas-socjeta' konvenuta huwa, f'kull kaz, superfluwu fic-cirkustanzi.

Illi ghar-rigward tat-tielet u r-raba' eccezzjoni, hlas ta' *demurrage* jkun dovut meta l-merkanzija iddum izjed milli suppost biex titghabba

u tinhatt; meta, jigifieri, din il-procedura tmur oltre il-*laytime* necessarju ghal tali operazzjoni. L-awturi Chorley & Giles (op. cit.) jghidu, f'pagna 226, li kontroll fuq iz-zmien ghat-tghabbija u l-hatt tal-merkanzija, *"is done through the use of clauses providing for laytime, imposing liability for demurrage and allowing for payment of dispatch-money. Stated briefly, laytime is the period which the cargo-owner can use for loading and/or discharge. Should more time be used than the period allotted, the cargo-owner may be liable for demmurage, an amount of liquidated damages stipulated in the contract". Demurrage*, allura, ma huma xejn hlief danni ghad-dewmien, tip ta' danni li huma anke kontemplata fil-Kodici Civili (artikolu 1130) . Meta jigi impost zmien ghall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni, id-debitur jigi mqieghed *in mora* bl-gheluq biss ta' dak iz-zmien. Dawn id-danni jistghu jigu likwidati minn qabel, u meta jkun hekk, kif jiddisponi l-artikolu 1138 tal-Kodici Civili, "ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar jew izghar." Dan huwa principju assodat fis-sistema guiridiku Malti. Meta zewg partijiet jiftehmu minn qabel x'ghandhom ikunu d-danni f'kaz ta' nuqqas, dik il-konvenzjoni torbot lill-partijiet bhala espressjoni tal-volonta' libera taghhom. Gie dejjem ritenut li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni soggettiva taghha ghar-rieda tal-partijiet li diga' stabbilew bejniethom il-*quantum* tad-danni li l-atturi isofri minhabba l-inadempjenza tal-konvenut fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni assunta minnu. Meta l-partijiet jiftiehmu minn qabel l-ammont ta' danni, ma tistax ikun hemm temperament fil-*quantum*, liberament miftehma u assunta (ara "Mifsud vs Stivala" decisa minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1991). Barra minn hekk, konsidrat in-natura partikolari tal-merkanzija in kwistjoni, il-Qorti ma taghtix tort lis-socjeta' attrici li tiffissa penali jew danni ftit eccessivi biex, forsi, dak li jkun jaghmel

sforz u jesegwixxi l-obbligazzjoni kif rikjesta - jidher, pero', li s-somma miftiehma ma kienetx projbittiva bizzejjed!

Ghalhekk, hija invalida l-eccezzjoni li s-somma ghal *demurrage* hija eccessiva, ghax, hi x'inhi, penali jew danni pre-likwidati huma dejjem enforzabbli bhala li jirriflettu l-volonta tal-partijiet.

Ghall-istess raguni hija inaccettabbli r-raba' u l-ahhar eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta. Filwaqt li d-danni gudizzjarji jridu dejjem jigu pruvati, il-penali u l-likwidazzjoni tad-danni preventivament jostaw mill-htiega tal-prova tat-telf reali, u jigu stipulati f'kazi u sitwazzjonijiet fejn ikun previst li l-prova tat-telf reali tkun wahda difficcli jew spendjuza. Kif inghad, l-artikolu 1138 tal-Kodici Civili jistabillixxi b'mod car li meta jigu determinati minn qabel l-ammont tad-danni, dik is-somma trid tithallas u teskludi testwalment li l-kreditur jista' jigi moghti somma izghar minn dik miftiehma. L-iskop, fil-fatt ta' tali klawsoli, fi kliem il- Baudry - Lacantinerie (Trattoto Di Diretto Civile – Delle Obbligazioni – Vol I p. 542), "*e' quello d'evitare le contestazioni ed I guidizi ai quali potrebbe dar luogo la liquidazione del risorcimento dei danni, e qulache volta anche di premunirsi contro l'arbitrio, inevitabile in questa materia, delle decisioni del guidice. Del resto, le parti possono, meglio di ogni altro, valutare I propri interessi".* Dak li gie miftiehem bejn il-partijiet, kwindi, jorbot u jitqies ligi bejn l-istess partijiet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi *previa* li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta Packseals Systems Limited, tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti, u kwindi tikkundanna lis-socjeta' Packseals

Systems Limited thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' 8,000 dollaru Amerikan, ekwivalenti ghall- LM , skond l-ahhar rata ta' kambju ppubblikata, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni, cioe', mill-1 ta' Lulju, 1993. L-ispejjes, hlief ghal dawk gia decizi, jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**